# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2139

## tat-2 ta' Diċembru 2016

## li jistabbilixxi projbizzjoni għas-sajd tar-rebekkini u r-raj inklużi r-raja kukù, ir-raja tal-fosos, ir-raja batra, ir-raja makkjettata, ir-raja għewejna u r-raja ondjata fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona VIId u kondizzjonijiet speċjali rilevanti fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni VIa, VIb, VIIa-c u VIIe-k minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Belġju

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/72 ([2]), jistabbilixxi l-kwoti għall-2016.

(2) Skont l-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, jirriżulta li l-qabdiet li saru mill-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew li huma rreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata għall-2016.

(3) Għalhekk jeħtieġ li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2016 għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

**Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew li huma rreġistrati fih, għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari, għandu jiġi pprojbit li ħut minn dak l-istokk li jinqabad minn dawk il-bastimenti jinżamm abbord, jiġi rilokat, jiġi trażbordat jew jinħatt l-art wara dik id-data.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/72 tat-22 ta' Jannar 2016 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2016 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/104 (ĠU L 22, 28.1.2016, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

João AGUIAR MACHADO

*Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd*

*ANNESS*

| | |
|---|---|
| Nru | 35/TQ72 |
| Stat Membru | Il-Belġju |
| Stokk | SRX/07D.<br>u l-kondizzjonijiet speċjali rilevanti RJN/07D., RJC/07D., RJH/07D., RJM/07D., RJE/07D., RJU/07D., SRX/*67AKD, RJN/*67AKD, RJC/*67AKD, RJH/*67AKD, RJM/*67AKD, RJE/*67AKD |
| Speċi | Rebekkini u raj (*Rajiformes*)<br>inklużi r-raja kukù (*Leucoraja naevus*), ir-raja tal-fosos (*Raja clavata*), ir-raja batra (*Raja brachyura*), ir-raja makkjettata (*Raja montagui*), ir-raja għewejna (*Raja microocellata*) u r-raja ondjata (*Raja undulata*) |
| Żona | L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona VIId<br>u l-kondizzjonijiet speċjali rilevanti fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni VIa, VIb, VIIa-c u VIIe-k |
| Data tal-għeluq | 26.10.2016 |